MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 727/2012

**Rita Attard li qed tidher ghal-assenti Joseph Sammut u martu Mary Rose Sammut**

**vs**

**Mary Sammut u Generoso Sammut**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Rita Attard li qed tidher f’isem l-assenti Joseph Sammut u martu Mary Rose Sammut, fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet lil din il-Qorti:

Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tiddikjara lill-intimati debituri ta’ l-esponenti fl-ammont ta’ tlettax-il elf disa mija u tmenin Ewro (€13,980);

Tikkundanna u tordna lill-intimati jhallsu lill-esponenti l-ammont ta’ tlettax-il elf disa mija u tmenin Ewro (€13,980) hekk dovut flimkien ma’ l-imghax legali;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati, Mary Sammut u Generoso Sammut ma deherux.

Rat id-dokumenti.

Semghet lix-xhud.

Rat li l-atti.

Rat li l-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw pruvati.

Fic-cirkostanzi taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara li l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta’ €13,980; tilqa’ t-tielet talba u tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ €13,980, bl-imghax kif mitlub fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Mary Sammut u Generoso Sammut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------